PAUL SANT CASSIA

# L-Għana: bejn il-Folklor u l-Ħabi *

Din il-Konferenza tittratta l-Identità Kulturali Maltija u l-kontribuzzjoni tiegħi ser tkun waħda qasira u mnaqqsa. Madankollu nittama li jirnexxili nqiegħed għadd ta' mistoqsijiet dwar l-identità jew l-identitajiet kulturali Maltin, li forsi jaslu biex iqanqlu d-diskussjoni. Jiena antropologu soċjali u x-xogħol tiegħi għamiltu l-aktar barra minn Malta (fil-Greċja, f'Ċipru u fit-Tuneżija), u allura l-osservazzjonijiet li nagħmel fihom element doppjament barrani. L-ewwelnett peress li l-ħidma antropoloġika fiha nnifisha tinħtieġ li dak li jkun jersaq lejn fenomeni kulturali bħal dawn minn barra, u b'ċertu empiriċiżmu *naive* (innoċenti) jistaqsi mistoqsijiet l-aktar bażiċi. U t-tieninett peress li l-interessi professjonali tiegħi s'issa kienu kkonċentrati fuq inħawi oħra tal-Mediterran. Madankollu jiena Malti u nittama li bi strateġija nilgħab preċiżament b'dawn il-kategoriji tal-"ġewwa" u l-"barra", biex nimponi l-mistoqsijiet minn "barra" filwaqt li nipprova nweġibhom minn "ġewwa", bħala Malti.

F'dan il-qari rrid li neżamina l-fenomenu ta' l-għana. Il-mistoqsija li rrid nistħarreġ ser tkun din: l-għaliex l-għana *mhux,* ma jagħmilx sehem mill-*export* kulturali uffiċjali? Għaliex l-għana ma jiġix ippreżentat bħala "folklor" għal "barrani", ngħidu aħna għat-turisti? U għaliex jiġri li fil-viżjoni uffiċjali dwar x'inhi jew x'għandha tkun il-kultura Maltija, l-għana jsib lilu nnifisu mitluq fil-ġenb? U għaliex kemm il-membri tal-klassi professjonali u kemm iż-żgħażagħ iħarsu lejh b'ċertu disprezz? U madankollu paradossalment u fl-istess waqt l-għana jitqies bħala "kultura

* Maqlub għall-Malti minn Michael Zammit

tassew" (kuntradittorji dal-kliem) minn ċerti oqsma (iżgħar) tal-popolazzjoni li paradossalment jinkludu l-elit letterarju u l-intellettwali. Ħa nagħti eżempju. Xi żmien ilu wieħed poeta u kritiku letterarju Malti pprova jintroduċi l-għana fil-quddies u f'xi ċelebrazzjonijiet reliġjużi u sab ruħu jiffaċċja oppożizzjoni pjuttost ħarxa. Issa dak li jinteressani huma ż-żewġ aspetti tal-mistoqsija: l-ewwelnett, għala minn banda kellu jkun membru ta' l-intelliġensja li għażel l-għana bħala rappreżentattiva tal-kultura lokali, u t-tieninett għala kien hemm tant oppożizzjoni għal din l-għażla? It-tnejn li huma dal-mistoqsijiet huma interessanti u jqanqlu t-taħdit dwar x'inhu li jikkostitwixxi l-"kultura tassew", dwar perċezzjonijiet ta' l-identità nazzjonali, u anki dwar biżgħat kbar u stabbiliti. L-għana huwa mezz siewi biex joħroġ dan kollu għad-dawl; u anzi huwa preċiżament minħabba fl-istess *status* ambigwu tiegħu li dan jista' jseħħ — minħabba fil-pożizzjoni medja li l-għana jokkupa bejn il-folklor u l-ħabi, jiġri li analiżi u stħarriġ tal-fenomenu kapaċi jroddu riżultati siewja.

Ikun utli hawn li ngħid kelmtejn dwar x'mhux beħsiebni nagħmel. M'iniex ser nistudja l-bidu u l-kobor ta' l-għana, u lanqas ma jien ser nażżarda li nippreżenta deħra sħiħa ta' x'tifsir jista' jkollu, tal-kuntesti li jeżisti fihom, ta' min jieħu sehem fih, eċċ. Dak kollu ser ikollu jistenna sa ma wieħed mill-istudenti tiegħi f'Cambridge (Ranier Fsadni) itemm it-tiftix li ser jagħmel f'dal-fenomenu. U lanqas ma jien ser nikkonċerna ruħi bil-merti estetiċi ta' l-għana, għalkemm nixtieq li mill-ewwel nistqarr li nemmen li dawn huma ta' min iqishom sew. Bħal kwalunkwe namra oħra, din hija waħda li dak li jkun, irid l-ewwelnett irawwimha qabel ma jkun jista' jkattar u jaħsad qligħ tajjeb minnha. Pjuttost jinteressani l-i*status* bħala fenomenu, kif jintlaqa' u jingħaraf minn setturi differenti tal-popolazzjoni, u nikkonċerna ruħi wkoll mis-sinifikat li l-għana jieħu meta nħarsu lejh bħala li qed igħid xi ħaġa *fuq* u *dwar* l-identità kulturali f'Malta.

Ħalli nibdew billi nagħtu definizzjoni ta' x'donnu li jidher li hu l-għana. L-isem "għana" nużawh għal tliet tipi ta' kant estemporizzat, b'ħafna ritwal u stilizzat; kantat minn tnejn jew aktar, soltu rġiel għalkemm żgur li fl-imgħoddi n-nisa għannejja kont issibhom ukoll. L-għana jagħmel użu minn versi b'rima mbewsa jew minn kwatrini li permezz tagħhom kull għannej meta

jkun imiss lilu, ikompli jfittex u jesplora fit-tema li tkun ġiet introdotta mill-ewwel wieħed fosthom. Xi mindaqqiet l-għana jgħidu li huwa kompetittiv, li sa ċertu punt huwa minnu, għalkemm l-idea li l-għana soltu jispiċċa billi min jieħu sehem jaqbad jagħti idea li torbot mal-mitoloġija ta' l-għana jistħoqqilha li tkun mistħarrġa sew. L-għana ġeneralment isir f'lokalitajiet pubbliċi bħal ngħidu aħna *bars*, soltu, fl-inħawi tat-Tlett Ibliet (fil-fatt tip ta' għana jissejjaħ "il-Bormliża"), isir f'ċerti festi speċifiċi bħall-Imnarja u jsir waqt ix-xalati — il-ħarġa popolari — għalkemm jista' jkun kwalunkwe ġemgħa li kapaċi jinġabar bl-iskop li jgħannu. Għalkemm it-twemmin huwa li l-għana huwa xi ħaġa rurali u ta' l-irħula, probabbilment il-bidu tiegħu ssibu fl-ibliet u żgur li jinsab fl-aqwa espressjoni tiegħu fil-kuntest tal-klassi tal-ħaddiema ta' l-ibliet.

L-għannejja ta' spiss jibdew il-karriera tagħhom f'età żgħira, parzjalment billi jsegwu u jitgħallmu ma' għannej li jkunu jammiraw. Fil-fatt issib li li ssir għannej ta' spiss ikun mezz ċkejken ta' mobilità soċjali, jew għallinqas ikun ta' prestiġju lokali għal dawk li ħerġin minn ambjenti soċjalment umli. L-għannejja ta' spiss jiżviluppaw relazzjonijiet speċjali bejniethom; il-ħbiberija bejniethom hija komuni u ttul bosta snin xi mindaqqiet anki sal-mewt, u l-irbit bejniethom ikun sod. Jeżistu regoli kumplessi ta' rispett bejn l-għannejja u dawk fosthom li jiksru dawn ir-regoli jitwarrbu. U lanqas m'hu permess iċ-ċapċip waqt l-għana.

Ċerti temi huma esklużi mill-għana, għalkemm wieħed jista' jgħanni dwar kważi kull ħaġa taħt il-kappa tax-xemx — u fil-fatt wieħed mill-għanijiet ta' l-għana hu li dak li jkun juri l-kapaċità tiegħu, l-intelliġenza tiegħu u l-għarfien tiegħu tat-temi li l-għannej ta' qablu jkun beda. Qabel kollox tiġi eskluża kull tema li taffordja xi gideb dwar individwi jew dwar għannejja oħra; kif qal wieħed minnhom stess: "Fuq il-gideb ma tgħannix." Madankollu żgur hu li l-għana jagħti l-possibbiltà lil dak li jkun li jikkummenta kemm dwar *issues* soċjali u kemm dwar l-imġiba ta' ċerti individwi. Huwa mezz li permezz tiegħu dak li jkun jista' jikkritika jew anki jwaqqa' għaċ-ċajt b'mod leġittmu ċertu aġir u għalhekk insibu li fl-għana jkun hemm element qawwi ta' kontroll soċjali. Fil-fatt jista' forsi jkun sinifikanti li bosta drabi l-għana kien isir matul il-jiem tal-festa waqt ix-xalati meta jkun miġbur tista' tgħid ir-raħal kollu. Għalhekk kien

jiġri li ż-Żwieten, per eżempju, kienu jmorru bil-familji sħaħ għall-festi, bħall-Vitorja (il-Mellieħa), San Girgor (Marsaxlokk) u Ħadd in-Nies (wara l-karnival matul il-festa tal-Madonna tal-Grazzja). Żgur li l-għana f'dawn il-waqtiet serva biex iserraħ u jħoll ċerti tensjonijiet soċjali, billi jsir użu minn modi ta' espressjoni stilizzati u umorużi f'kuntest newtrali u mhux marbut mat-tensjonijiet infushom. Barra li dan kien iservi biex iwaqqa' xi ftit ċerti wħud li forsi jkun jidhrilhom li kibru wisq, dan l-għana kien iservi wkoll biex iseddaq u jsaħħaħ l-omoġeneità u s-sħuħija tal-lat morali tal-komunità. Din jidhirli li hi r-raġuni għala ċertu għajdut falz u ċertu kliem li jweġġa' huma espliċitament esklużi mill-għana, u b'dal-mod l-għana jsir eżattament il-maqlub taċ-ċaċċrar u t-tpaċpiċ fuq dak u l-ieħor u li spiss ikun espliċitu, privat u jsir fil-moħbi. B'kuntrast ma' dan l-għana huwa impliċitu, pubbliku u jsir fil-beraħ u bil-mikxuf.

Hemm żewġ temi oħra li jiġu mwarrba mill-għana: mankamenti u nuqqasijiet personali, u l-politika. Madankollu, kif ser nipprova nuri, din ta' l-aħħar hija tema ambigwa. Peress li mentri f'ħafna drabi jiġu esklużi u jinżammu għal kollox barra, temi li għandhom x'jaqsmu ma' partiti politiċi partiġġjani, issib li fl-għana hemm bil-bosta li għandu x'jaqsam mal-politika u aktar minn hekk hemm bil-bosta li għandu x'jaqsam ma' l-identità, ma' l-identitajiet kulturali.

L-għana huwa popolari fost l-emigranti; ta' spiss jintbagħtu *recordings* u dawn ikunu ċċirkulati. Tassew li dawn ir-*recordings* ifissru li l-għana barra minn Malta jista' jsir mingħajr ma jkun hemm kitarristi fiżikament preżenti, peress li ta' spiss ikun biżżejjed *tape-recording* biex tibda l-għana. Probabbilment il-qari u l-kitba kellhom xi effett fuq is-sura ta' l-għana; kif stqarr miegħi wieħed għannej: "Qabel ir-rima kienet importanti; issa t-taqbila importanti."

L-għana jidher li donnu ġie kkummerċjalizzat (għalkemm din m'hix eżattament il-kelma ġusta) kmieni ferm. Jidher li fit-Tuneżija saru *recordings* qabel l-1939 u dawn setgħu jinxtraw f'Malta. Fis-snin ħamsin kienu jsiru programmi regolari ta' l-għana fuq ir-*Rediffusion* (kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar, mhux l-aqwa ħinijiet), u fis-sittinijiet u sas-snin sebgħin kienu jsiru fuq it-televiżjoni wkoll.

Meta wieħed iqis dil-firxa wiesgħa u estensiva, tiġi bħala sorpriża li tirrealizza li l-għana la hu partikolarment popolari u

lanqas ma hu popolarizzat. U dawn huma l-mistoqsijiet li jien nixtieq inqiegħed hawn f'dal-qari. Għala l-għana *mhux* popolari fost iż-żgħażagħ u fost il-membri tal-klassi medja jew fost dawk li qed jaspiraw għal dan l-i*status* li jinkludu ħafna mill-klassi tal-ħaddiema? U għaliex l-għana ma jiffurmax parti mill-kultura mxerrda uffiċjalment? Jeżistu ċerti temi fil-kultura tagħna li saru "folkloristiċi" bħal per eżempju ż-żfin, il-festa tar-raħal, il-pastizzi, il-faldetta, bħal ċerti temi mużikali u bħal saħansitra ċerti ġuvintur żgħażagħ li refgħu d-dmir li jittantaw u jaqbdu ma' tfajliet żgħażagħ barranin. Dawn kollha kemm huma, bl-eċċezzjoni ta' l-aħħar eżempju, jidhru f'għajnejna ħafna Maltin bħala li jirrappreżentaw it-tradizzjoni, u kemm f'Malta u kemm barra minn Malta jiġu ppreżentati u jintwerew bħallikieku donnu li *huma* l-Folklor Malti. Dawn insibuhom jidhru f'lukandi, f'laqgħat, f'esibizzjonijiet, eċċ.; kollha sitwazzjonijiet li jirrekjedu *statement* uffiċjali ta' l-identità kulturali bil-preżenza ta' l-"ambjent" lokali. F'kelma waħda, dawn kollha jiffurmaw parti mill-kultura uffiċjali dwar l-identità Maltija; il-mudell, jekk trid, li nesportaw it-tradizzjoni tagħna l-Maltin. Issa li huwa interessanti hu li dawn it-"tradizzjonijiet" ta' spiss jintisġu f'perijodi u fi żminijiet ta' qawmien nazzjonalistiku; li jispjega l-għaliex l-intellettwali u n-nies tal-klassi medja li jibdew biex jagħarfu l-oriġni reċenti tagħhom infushom, jittrattawhom b'ċerta kawtela. Madankollu interessanti li nagħarfu kif in-nies li dawn it-tradizzjonijiet suppost qegħdin jirrappreżentaw, nies minn oriġni l-aktar umli, isegwuhom ħafna u jarawhom kemm bħala spettakolari, *entertainment,* divertiment, u ta' spiss fil-fatt jidentifikaw magħhom jekk xejn għax id-diskors uffiċjali jissuġġerixxi li jkun hekk: "Jekk l-istudjużi jgħidu li konna hekk, allura hekk konna għalkemm jiena żgur li ma niftakarx 'il marti liebsa b'dak l-ilbies."

Il-paradoss hawn isir aktar akut meta dawn l-osservazzjonijiet jitqiegħdu f'kuntest. Għala l-folklor jiġi ttrattat b'ċertu xettiċiżmu u b'ċerta leġġerezza mill-klassi medja u minn dik tal-letterati, minħabba l-oriġni mhux maħdum sew li għandu; mentri fl-istess ħin l-għana, li hu ħaġa ħafna aktar qadima u ġenwina, jiġi meqjus b'ċertu orrur, b'ċertu biża' u saħansitra mbarri? Għala qatt ma ġie ppopolarizzat? F'soċjetajiet oħra fil-Mediterran insibu li temi ta' kultura popolari bħal per eżempju l-*Flamenco* fl-Andalusija u r-*Rebetika* f'Ateni ġew ippopolarizzati u l-estetika u l-gosti

m'għandhom xejn x'jaqsmu f'dan. Issa l-fatt li l-gosti huma determinati u maħluqa mill-kultura sar verità stabbilita sod fis-soċjoloġija (Bourdien). Mhux talli kemm fi Spanja u kemm fil-Greċja dan il-kant kien jiġi assoċjat ma' oriġni soċjalment suspettużi, imma talli kien jirrappreżenta theddida anarkika, bosta drabi saħansitra ġejja minn barra. Fl-Andalusija l-Flamenco kien ikun assoċjat mal-*gypsies,* nies li kulħadd kien jistmahom bħala barranin, ħallelin taż-żwiemel. U r-Rebetika li twieldet wara l-esodu massiv tar-refuġjati mill-Asja Minuri għal Ateni fl-1922, kienet assoċjata mal-*manges* — żgħażagħ irġiel lebsin pulit u bla lanqas sold fil-but, li kienu jiltaqgħu jpejpu l-ħaxixa, jiġru man-nisa u jdoqqu mużika "orjentali". Fil-fatt tant kienet xewqa qawwija dik tal-Gvern Grieg biex jibni identità Ewropea li ta' spiss bosta għannejja (Rebetes) kienu jiġu mixħuta l-ħabs. Fis-snin sittin kemm il-Flamenco u kemm ir-Rebetika ġew ippopolarizzati u issa saru ħaġa waħda mal-kultura popolari bħala l-maqlub tal-kultura uffiċjali. Ir-Rebetika, per eżempju, issa qed tkun meqjusa bħala essenzjalment Griega bil-maqlub ta' l-imgħoddi meta kienet xi ħaġa "Torka", "orjentali" u allura ta' min iwarrabha u jneħħiha mill-mappa kulturali.

Għalkemm ma nistgħu nipprevalu l-evoluzzjoni ta' l-ebda fenomenu kulturali, madankollu nistgħu nistħarrġu r-raġunijiet l-għala l-għana jinsab fl-ixfra tas-soċjetà u l-kultura Maltija. Jien ngħid li hemm mill-inqas tliet raġunijiet għal dan u l-analiżi tagħhom tista' twassal ferm 'il bogħod fl-istħarriġ u l-fehma ta' l-identità kulturali kontemporanju f'Malta.

L-ewwel raġuni għat-twarrib ta' l-għana hi li għal bosta mill-klassijiet medji, u għal bosta mill-popolazzjoni Maltija sħiħa, l-għana jirrappreżenta speċi ta' "barbariżmu fiċ-ċiviltà nnifisha" — ħaġa ta' mistħija. Aktar u aktar peress li l-ħsejjes u d-daqq ta' l-għana żgur li m'humiex ta' l-"Ewropa tal-Lvant", u peress li donnu li m'huwiex mimsus mill-estetika Ewropea, l-għana hu ħaġa li tnissel u tqanqal is-suspett. Fil-fatt jidher għall-Maltin stess, *mhux* bħala ħaġa sempliċement b'karattru Malti (peress li x'inhu li huwa l-karattru Malti, huwa qiegħed il-ħin kollu jinbidel) imma bħala kultura li hija speċi ta' Maltija aktar mill-Malti. U f'ħafna kuntesti nsibu li din tkun metafora għal dak kollu li huwa ta' nisel Għarbi. Fil-fatt parti mill-antipatija li tinħass b'mod tassew qawwi għall-

għana, donnu li tidher ġejja minħabba fil-fatt li l-għana jidher bħal xi speċi ta' "relikwa", xi speċi ta' rimi minn imgħoddi "Għarbi" jew saħansitra Musulman. Fi kliem ieħor jirrappreżenta speċi ta' kultura lokali aboriġinali, *qabel* ma ċ-"ċiviltà" waslet 'l hawn minn band'oħra, minn barra. Il-fatt li għalkemm jeżisti dan kollu, l-għana xorta waħda għadu jeżisti, irendiha f'ħaġa ta' mistħija; thedded u tgħawweġ id-dehra uffiċjali tal-kultura, u allura fl-aħħar mill-aħħar, ta' l-identità. Issa l-fattur kritiku ta' identità kulturali uffiċjali hu li t-tali identità torbot kemm l-imgħoddi u kemm il-preżent f'relazzjoni fissa. Din hija waħda mill-ħtiġiet ta' idejoloġija nazzjonalista. L-għana jsib lilu nnifsu jopera ferm lilhinn u 'l barra mil-livell tal-kultura u l-identità uffiċjali, u fl-istess ħin hu theddida għal verżjoni uffiċjali ta' x'inhi l-identità kulturali, jiġifieri li aħna nsara, Ewropej, eċċ., u li ilna hekk eluf ta' snin. Peress li donnu li ma jidhirx li jieħu sehem f'din l-identità, l-għana jidher bħal donnu li hu relikwa jew fdal ta' l-imgħoddi li barra li jhedded ir-relazzjoni fissa li nstabet bejn l-imgħoddi u l-preżent, huwa wkoll ħaġa ta' mistħija.

Issa m'hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-għana fil-fatt huwa Għarbi jew Musulman; fil-fatt jista' jkun li huwa ħolqien ġenwin lokali u dis-sura ta' kant jinsab f'ħafna nħawi oħra fil-Mediterran, fi gżejjer bħal Sardinja, Kreta u f'Ċipru. Imma li huwa interessanti hu li ta' spiss l-għana jidhrilna li huwa Għarbi, Musulman, "goff", nieqes mis-sbuħija, eċċ. U allura l-istejjer kollha li xi mindaqqiet jinqalgħu dwar meta u fejn isir l-għana. Stejjer dwar l-għannejja li jgħidu li jibdew biex joffendu 'l xulxin u jispiċċaw biex "jibdew jagħtu ..." dawn l-istejjer irridu narawhom bħala parti mill-mezz biex l-għana jkun mifhum li donnu qed iseħħ *barra* mill-komunità etika. Jekk xi rġiel jiltaqgħu biex ikantaw u jixorbu u minflok jispiċċaw jitgħajru u jitlewmu, mela allura żgur li m'humiex ċivilizzati u mela allura m'hemm l-ebda lok għalihom f'dik li hi l-kultura uffiċjali. Ħafna minn dawn l-istess tendenzi nsibuhom f'kif il-Maltin jagħarfu l-"Għarab" u l-għannejja huma l-"Għarab" lokali.

Nixtieq nissuġġerixxi li l-attitudnijiet kollha li ta' spiss ikun hemm kontra l-għana jiffurmaw parti minn kumpless kulturali usa' li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' formazzjoni ta' l-istati fl-ixfra ta' l-Ewropa. F'Malta bħal f'soċjetajiet oħra semi-periferali ta' l-Ewropa, bħall-Fillandja, il-Greċja, l-Italja tan-Nofsinhar, issib li

jkun hemm ħafna taħdit dwar l-*istatus* tal-kultura u s-soċjetà lokali. Jiffurmaw parti mill-Ewropa jew bħal fil-każ ta' Malta, jiffurmaw parti mill-Afrika tal-Punent; parti mill-Ewropa, jew l-Asja bħal fil-każ tal-Greċja; jew parti mill-Ewropa jew l-Isvezja jew parti mir-Russja bħall-Fillandja? Dawn is-soċjetajiet kollha għall-parti l-kbira ta' l-istorja tagħhom kienu maħkuma minn soċjetajiet ikbar soltu b'kultura, reliġjon u ordni soċjali kompletament differenti minn dak li kont issib fihom. B'riżultat ta' hekk, fi proċess ta' dekolonizzar isiru sforzi kbar biex dawn il-pajjiżi jidhru aktar Ewropej mill-Ewropej infushom. B'hekk m'hemm l-ebda dubju li l-kattoliċiżmu f'Malta jservi biex jiddefinixxi l-identità kulturali Maltija bħala waħda definitivament "Ewropea", u l-*feroċità* li biha ċerti wħud u ċerti kotba ta' l-istorja sa ftit ilu, qabdu ma' din l-opinjoni li l-Maltin kienu Kristjani sa mill-bidu nett u li qatt u qatt ma tilfu l-fidi, hija riżultat ewlieni tal-binja ta' identità kulturali uffiċjali speċifika, li tagħraf lil Malta bħala Ewropea għax minn dejjem kienet Kristjana.

Fil-fatt dan it-tali diskors insibu li jkollu aktar implikazzjonijiet minn hekk. Il-ġrajja ta' San Pawl tissuġġerixxi li l-Maltin saru nsara, u allura saru mudell Ewropew, saħansitra *qabel* il-bqija ta' l-Imperu Ruman innifsu u li issa sar dik l-Ewropa li nitħaddtu dwarha. Fil-fatt l-ilsien u r-reliġjon jidhru bħala f'relazzjoni maqluba jekk inħarsu lejhom tul iż-żmien — aktar ma l-ilsien ġie enfasizzat u aktar ma sħaqna fuq l-egħruq Għarbin tiegħu, aktar ma kienet kbira l-enfasi fuq ir-reliġjon bħala fattur li jpatti għal dan. Mod ieħor li permezz tiegħu nistgħu nqiegħdu dawn il-mistoqsijiet huwa billi nistaqsu: huwa possibbli għal xi ħadd igħid li għandu identità Maltija bla ma jkun nisrani? Fi kliem ieħor hi kuntradizzjoni għal xi ħadd igħid li huwa Malti u fl-istess ħin igħid li huwa, ngħidu aħna, Musulman jew Ħindu? Jista' jkun hawn Maltin Misilmin jew Maltin Ħindustani? Jiena naħseb li għalkemm dan fl-astratt huwa possibbli li wieħed jagħarfu, madankollu hija ħaġa li tqanqal mistoqsijiet ta' qofol kbir dwar kategoriji kulturali.

Issa nistgħu nifhmu aktar ir-reazzjoni għall-proposta li semmejt qabel dwar l-għana użat fil-knejjes. Din ma kinitx sempliċement kwistjoni ta' reżistenza għall-introduzzjoni ta' element sekulari f'dominju sagru peress li l-kleru nnifsu minn wara l-Kunċilju Vatikan II issekularizza u reġa' interpreta l-fidi b'modi l-

aktar radikali. Kienet pjuttost għaliex l-għana jfisser ċertu tip ta' kultura aboriġinali li huwa magħruf bħala *mhux* Ewropew u li jeħtieġ li ssir reżistenza għalih. Il-quddiesa u l-liturġija kienu se jsiru wisq Afrikani jew anki wisq Għarbin.

Raġuni oħra (it-tieni waħda) għat-tbarrija ta' l-għana hija li billi tkun kantata bil-Malti ma tantx ikun faċli tippakkjaha u tbigħha kemm lokalment u kif ukoll lill-barranin. Il-vantaġġ taż-żfin, tal-Maltija, tal-ġiġġifogu, u ta' ħafna aspetti oħrajn mill-mudell kulturali lokali għall-bejgħ barra, huwa li dawn kollha huma letteralment muti, ma jitkellmux. Peress li l-ilsien ma jidħol imkien fihom insibuhom faċli nippakkjawhom għall-bejgħ. Fil-fatt waħda mill-affarijiet interessanti dwar l-identità kulturali uffiċjali hi li tistrieħ b'mod kważi assolut fuq simboli *materjali* u kważi ma tinqeda xejn bl-ilsien apparti mill-għajdut li l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali. Barra minn hekk f'postijiet bħal Malta (u b'mod inqas il-Greċja) ikun biss jekk xi aspetti mill-kultura lokali jistgħu jiġu ppreżentati lill-barranin li jiġri li jiġu integrati lokalment. Fis-suq lokali l-fatt li l-għana jsir bil-Malti jrendih aktar egalitarju fis-sura tiegħu (apparti mill-kontenut), u allura jinkorpora l-udjenza f'diskors li fih kif ser nuri, huma jistgħu dejjem jieħdu sehem. B'hekk dan l-aspett fil-għana jkun ta' theddida għall-ġerarkija u għall-aspirazzjonijiet lokali. Fl-aħħarnett, żgur li huwa prodott kuntestwali, m'hux xi ħaġa li wieħed jitgħallmu malajr jew li jirrepeti ruħu faċilment (b'mod) għall-konsum tal-massa.

Madankollu forsi li l-aħħar u l-aktar raġuni importanti għat-tbarrija ta' l-għana għandha x'taqsam mal-kontenut u jidhirli li dan huwa l-aspett l-aktar interessanti tal-fenomenu u l-aspett li jixraqlu studju aktar profond. Ħafna mit-temi li l-għana jittratta, speċjalment it-tip "spirtu pront", fl-aħħar mill-aħħar ma jittrattawx x'ikun jidher li jkun qiegħed jirreferu għalih. Per eżempju ta' spiss jiġri li kant dwar individwi jsir il-mezz biex bih isir diskors dwar xejriet kulturali fis-soċjetà Maltija. Tassew hu l-każ li bosta mit-temi ta' l-għana lanqas m'huma dwar xi identità unika imma dwar identitajiet differenti f'kunflitt bejniethom fis-soċjetà u l-kultura Maltija. Dan għalija jidhirli li jikkostitwixxi l-interess affaxxinanti tal-fenomenu. L-għana huwa diskors metaforiku *fuq* u *dwar* l-identitajiet kulturali Maltin, ta' spiss meqjusa mill-perspettiva tal-kultura mhux uffiċjali tal-klassi tal-ħaddiema, u miċħuda mill-

massa tal-klassi tal-ħaddiema nfushom. F'dan ir-rispett l-udjenza ssir partikolarment importanti u kwalunkwe analiżi li ssir fit-temi li jkantaw dwarhom f'xi laqgħa partikolari jeħtiġilha tieħu rendikont tan-natura ta' l-udjenza preżenti. Fi kliem ieħor, analiżi purament testwali tal-kliem ta' l-għana tasal biex tagħtina nofs biss ta' l-istorja kollha għaliex mentri l-għannejja nfushom jista' jkun li jidhru li qed igħaddu kummenti dwar xulxin, jista' jkun li fil-fatt ikunu qed jirreferu għall-kuntest u għall-udjenza nnifisha.

X'uħud mit-temi li jkunu ttrattati metaforikament huma: il-lingwa — l-Ingliż kontra l-Malti fejn kliem Ingliż u kliem Malti jiġu mħallta u mħawda ironikament f'mod u manjiera kritika u xi mindaqqiet b'doppju sens; kant b'ċertu kliem bl-Ingliż użat biex jiddefinixxi relazzjoni ġerarkika u bil-kliem Malti użat biex jistabbilixxi waħda egalitarja; il-ġerarkiji fis-soċjetà Maltija li għandhom x'jaqsmu mar-residenza, ma' l-*istatus* ta' dak li jkun, mal-prestiġju, mal-litterasija u ma' oġġetti ta' konsum; dawk ta' ġewwa kontra l-barranin; il-folklor uffiċjali kontra l-għana nnifsu; u l-*istatus* għoli tal-letterati kontra l-*istatus* baxx ta' l-illetterati. U l-aktar ħaġa interessanti f'dan kollu hija li dawn l-oppożizzjonijiet rarament ikunu ppreżentati b'mod retoriku u lanqas ma tittieħed l-ebda naħa hekk fid-deher. Minflok insibu li tema partikolari tiġi meqjusa minn numru ta' punti di vista differenti b'sett ta' oppożizzjonijiet jitpartu ma' sett ieħor b'tali mod li l-effett bħal donnu jħawdek kemm kemm. Iċ-ċajt, l-għażla tal-kliem, is-sostituzzjonijiet u l-metafora, kollha kemm huma dawn għandhom sehem. Per eżempju, għannej kapaċi b'mod li ma jkunx serju, iqabbel il-folklor uffiċjali bit-tendenzi Romanzi li jħaddan, ma' l-għana, u b'mod l-iktar ironiku jurih bħal taparsi "folklor" fil-waqt li preżenti fl-udjenza jkun hemm nies ta' *status* ogħla (li jinkludu l-antropologu jieħu n-noti). Mill-banda l-oħra l-għannej forsi li jgħaddi xi rimarki li huwa illetterat fil-waqt li jgħaddi lilu nnifsu biż-żmien billi juża ċertu kliem Rumanz f'waqtiet strateġiċi u meta jidher ċar u tond li mhux talli *m'huwiex* illetterat, imma li l-prekonċetti tal-klassijiet l-għolja (li huma fil-maġġor parti tagħhom ibbażati fuq l-għarfien ta' kliem Rumanz) huma preġudikati u żbaljati. Fi ftit kliem l-għana jilgħab b'sett sħiħ ta' identitajiet u kategoriji doppji u ta' spiss iqegħidhom kontra xulxin b'mod fin u xi mindaqqiet saħansitra jiċħadhom retorikament (per eżempju "lil

Pawlu rajtu għall-ewwel darba u xorta waħda ħabib tagħna"), biex jerġa' aktar tard jibnihom (per eżempju "ta' ġewwa kontra ta' barra"), jew anki joħloq oħrajn aktar tard ("Pawlu, l-*address* tiegħek agħtini").

L-għana, mela, jikxef il-kuntradizzjonijiet u t-tensjonijiet fl-identità kulturali Maltija; jikxef il-kategoriji tat-tali identità u l-oppożizzjonijiet, u mentri li jkun qed jidher donnu li jkun qed jirreferi għal inċidenti żgħar, u għal persunalitajiet eċċ., ikun fil-fatt qed joħloq diskors dwar il-valuri li ssibhom fil-qalba tas-soċjetà Maltija. Imma fil-waqt li kapaċi jikxef il-kuntradizzjonijiet, l-għana mhux kapaċi jirrisolvihom, peress li dan jista' jseħħ biss permezz tal-proċess doppju tad-deher u l-ħabi. F'dan ir-rigward l-għana probabbilment juri lingwaġġ eqreb għal dak tal-mît milli għal dak tal-poeżija; u n-nisġa tiegħu tidher aktar permezz ta' l-oppożizzjoni ripetuta.

F'dan it-tali kuntest, mela, ma jiġix bħala sorpriża l-għarfien tal-fatt li l-għana mhux talli baqa' jingħata l-ġenb mis-soċjetà Maltija imma talli meta saru (u jsiru) tentattivi biex ikun inkorporat f'diskors kulturali uffiċjali, jiltaqa' ma' reżistenza kbira ferm. Ma jistax jiġi inkorporat fil-kultura uffiċjali eżattament minħabba li fis-sura preżenti tiegħu, l-għana huwa diskors moħbi fuq u dwar kulturi uffiċjali u fuq u dwar identitajiet uffiċjali (ta' spiss fabbrikati minn barranin), u billi l-għana jirrappreżenta tip ta' relikwa jew fdal minn imgħoddi mhux magħruf. Li kieku kellu jiġri li l-għana jkun inkluż fil-kultura uffiċjali, kieku probabbilment jitlef id-dinamiżmu tiegħu, u jitlef l-interess u hu f'dan il-fatt li nsibu paradoss ieħor dwar il-Kultura, l-Istat u s-Soċjetà.